

[Paġna Ewlenija](#) > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Ġurisprudenza Internazzjonali](#)

## Ġurisprudenza Internazzjonali

Il-komunità internazzjonali stabbiliet numru ta' qrati biex isolvu t-tilwim rigward id-dritt internazzjonali. In-natura legali tagħhom tvarja u l-ambitu tal-ġurisdizzjoni u l-effett vinkolanti tal-ġurisprudenza tagħhom jiddependu prinċipalment mill-att kostituttiv rilevanti.

Il-parti l-kbira tal-qrati internazzjonali għandhom sit elettroniku li jipprovdi aċċess għad-deċiżjonijiet u għall-opinjoni tagħhom. Iktar 'l isfel, għandek issib lista mhux kompluta ta' siti elettroniċi bħal dawn:

- **ECHR** – il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem: il-qorti stabbilita mill-Kunsill tal-Ewropa biex tkun żgurata l-osservanza tad-drittijiet inklużi fil-[Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem](#). Il-bażi tad-dejta tal-ECHR tinkludi wkoll noti ta' informazzjoni dwar il-ġurisprudenza.
- **ICJ** – il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja: l-organu ġudizzjarju prinċipali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), stabbilit bil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Ir-rwol tal-Qorti huwa li ssib soluzzjoni, skont id-dritt internazzjonali, għat-tilwim legali li jitressaq quddiemha mill-Istati u li tagħti opinjonijiet konsultattivi dwar domandi legali rrinvijati quddiemha mill-organi u mil-aġenziji speċjalizzati awtorizzati tan-Nazzjonijiet Uniti.
- **ICC** – il-Qorti Kriminali Internazzjonali: qorti indipendenti u permanenti li tiġġudika lill-persuni akkużati bl-iktar delitti serji f'ambitu internazzjonali, prinċipalment il-ġenoċidji, id-dellitti kontra l-umanità u d-dellitti fi żmien il-gwerer.
- **ITLOS** – it-Tribunal Internazzjonali tal-Liġi tal-Baħar: qorti stabbilita bil-[Konvenzjoni dwar il-liġi tal-baħar](#) tan-Nazzjonijiet Uniti.
- **Qorti tal-EFTA**: din il-qorti stabbilita mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) tissodisfa l-funzjoni ġudizzjarja fi ħdan is-sistema tal-EFTA, billi tintepreta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) rigward l-Istati tal-EFTA li huma parti għall-Ftehim. Bħalissa, daww l-Istati tal-EFTA huma l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

Barra minn hekk, hemm diversi bażijiet tad-dejta u sorsi ta' informazzjoni dwar il-ġurisprudenza internazzjonali. Biex insemmu biss ftit eżempji (din il-lista ma tirrifletti l-ebda għażla f'termini ta' kwalità jew ta' kontenut):

- **JURE**, bażi tad-dejta maħluqa mill-Kummissjoni Ewropea, li tinkludi l-ġurisprudenza dwar il-ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali u dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi fi Stat li ma jkunx dak fejn ngħatat is-sentenza. Dan jinkludi l-ġurisprudenza dwar il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti (jiġifieri il-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968, il-Konvenzjoni ta' Lugano tal-1988) kif ukoll il-ġurisprudenza tal-UE u tal-Istati Membri.
- **L-Istitut Dinji tal-Infommazzjoni Legali** (faċilità ta' tiftix legali żviluppata b'kollaborazzjoni bejn diversi istituti ta' informazzjoni legali u organizzazzjonijiet oħrajn): bażi tad-dejta u links dwar qrati u ġurisprudenza
- **Iċ-Ċentru Lauterpach għad-Dritt Internazzjonali** fl-Università ta' Cambridge.

Il-qrati nazzjonali wkoll japplikaw u jinterpretaw id-[dritt internazzjonali](#) u b'hekk id-deċiżjonijiet u l-opinjoni tagħhom ukoll huma rilevanti. Uħud mill-bażijiet tad-dejta tal-ġurisprudenza li ssemmw iktar 'il fuq jinkludu ġurisprudenza stabbilita mill-qrati nazzjonali. Tista' ssib ukoll informazzjoni rilevanti permezz tal-[paġni dwar il-Ġurisprudenza tal-Istat Membru](#) u l-[Ġurisprudenza tal-UE](#).

L-aħħar aġġornament: 17/11/2021

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirrifletti neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe

informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.